1992

F'okkazjonijiet bhal din tallum, b'cerimonja marbuta ma certu formalita, forsi xi ftit rigida kif inhu anke xieraq f'dawn ic-cirkostanzi, jista jfaqqas hsieb fil mohh ta' dak li jkun li r-raguni ghall-presenza taghna hawnhekk, hi marbuta ma xi dover socjali - ma appuntament li jigi darba kull sena f'data fissa u li ghalih ma ghandniex nonqsu anke b'rispett lejn il-fatt li din hi festa nazzjonali, illum mhux biss rikonoxxuta b'ligi imma stabbilita fil prattika bhala avveniment ewlieni f'pajjizna.

U jekk dan il-hsieb nerhulu r-riedni u nhalluh jimrah b'liberta fost il-hafna hsibijiet ohra li jkunu jinkludu problemi, impenji, doveri u responsabilitajiet li kull wiehed minna jista jkollu, jigri li nitilfu l-veru sinifikat ta' l-okkazjoni u fl-istess waqt niltilfu l-opportunita li nifhmu sewwa it-tifsira ghalina u l-importanza tal-grajja li qieghda tigi kkomemorata llum.

Ghaliex wara kollox, il-festa tfakkar grajja - grajja li llum xi ftit jew wisq ghebet fl-istorja, kif inhu d-destin ta' kull mument fil hajja tal-bniedem. Destin kiefer li kulltant jikkundanna ghal ghejbien fil-passat, mumenti ta' importanza kbira ghal pajjiz, izda li ghal diversi ragunijiet ma jkunux inqabdu fir-rakkmu ta' l-istorja kif minsuga bil-pinna ta' l-istoriku.

Il-grajja li qieghdin infakkru llum ma sofrietx din il-kundanna - imma l-anqas ma helset mill-periklu li l-veru sinifikat taghha jigi mcajpar mid-duhhan, mhux ta' l-isparaturi li qatlu lil Maltin 73 sena ilu, izda mid-duhhan li jinfirex malli nibdew nidhlu f'rutina stabbilita - malli l-oggett jibda jsir ghaliex hekk hemm miktub u mhux ghaliex hekk hemm bzonn.

U forsi, din ic-cerimonja tallum, tispikka proprju ghaliex hija wahda minn dawk l-okkazjonijiet li ghandhom jigu celebrati f'pajjizna ghaliex hekk hemm bzonn. Veru, hija wahda mill-festi imnizzla fil-kalendarju taghna - avveniment li jfakkar fatti storici ta' qlubija, patrijottizmu u kuragg. Imma, ippermettuli ninsisti mieghi innifsi u ma kullhadd, illi din hija grajja li tmur il-boghod minn hekk u li ghandha r-rilevanza taghha fiz-zmienijiet tallum daqs kemm kellha meta sehhet, jekk mhux izjed.

Insostni li l-importanza ta' l-avvenimenti li qed jigu mfakkra llum, kibret maz-zmien u tkompli tikber aktar kemm pajjizna jimxi l-quddiem. Dan insostnih bil qawwa li ggib maghha r-riflessjoni ta' min jipprova isib l-gheruq tal-valuri li huwa jhaddan - mhux b'xi sens ta' nostalgia jew kurzita, izda b'rieda soda li jifhem dejjem izjed x'inhu l-vera sinifikat ta' dawk il-valuri li huwa jhaddan.

Okkazjoni bhal tallum tghina biex naghmlu bhal dak il-bniedem li meta jkun immatura fl-eta u fil-hsieb, ifettilu jqalleb fil kexxun ta' l-istorja ta' hajtu u jsib ritratt ta' meta kien zghir - ritratt li jibda jfakkru fl-esperjenzi kollha li ghadda minnhom f'dak iz-zmien ta' formazzjoni u

Speeches but 1989 and 1996 are not available from DOI or KFN



check page 3

mhux biss jaghraf kemm kienu importanti biex iffurmawlu l-karattru li ghandu llum, izda japprezza izjed x'inhi l-vera vokazzjoni ta' hajtu u x'inhuma l-valuri li jidderiguh fil hidma tieghu.

Il-Parlament Malti jista, jekk irid, ifittex u jsib l-gheruq tieghu f'din il-grajja li qieghda tigi kkomemorata llum. Jista, jekk irid, isib it-twelid tieghu bhala istituzzjoni parlamentari fl-avvenimenti kollha li graw f'dawk il-granet u f'dawk ic-cirkostanzi li kienu jezistu fl-1919 - f'dak it-taqlib socjali u ekonomiku li kien jezisti f'mument ta' ghaks, tbatija u sagrifficcju.

Iva, jista, jekk irid, jidentifika l-bidu tal-mixja twila li wasslitu fl-istituzzjoni li huwa llum, kif rappresentat minna lkoll migbura f'din il-pjazza hdejn dan il-monument li jfakkar lil vittmi li mietu dak in-nhar tal-incidenti. U allura din il-festa nazzjonali tista titqies bhala l-gurnata ddedikata ghal parlament Malti. Il-gurnata li fiha din l-istituzzjoni ticcelebra l-bidu taghha.

Imma ippermettuli nghid illi l-okkazjoni tal-lum hi indirizzata mhux biss lejn il-parlament Malti, mhux biss lejn l-istituzzjoni innifisha, imma - u forsi dan hu l-aktar importanti - hi indirizzata lejn il-poplu Malti kollu, bi stedina lejh sabiex jaghraf izjed kemm hi kbira din l-istituzzjoni; kemm hi krucjali ghal pajjizna, kemm niddependu minnha biex nimxu l-quddiem fil mixja taghna lejn il-prosperita.

Jezistu pajjizi, mhux tant il-boghod minn xtutna - li bhalissa qieghdin ifittxu li jwaqqfu istituzzjoni parlamentari li tiggarantixxi id-demokrazija, li bhalissa qieghdin jitqabdu bejniethom biex jasserixxu l-indipendenza taghhom u biex ikunu jistghu jmexxu hwejjighom bhala poplu sovran, hieles minn kull rbit jew indhil. Ahna ghandna dan kollu. Ghandna istituzzjoni li qieghda hemm biex tkun il-garanzija kontinwa li f'pajjizna tirrenja d-demokrazija, li f'pajjizna l-poplu Malti jkun sovran u li jezercita din is-sovranita billi jafda t-tmexxija tal-pajjiz f'idejn l-membri li huwa jaghzel.

Dan kollu huwa diga taghna u ghandna nghozzuh ghaliex il-valur li ghandu ma tistax issarrfu u l-anqas tista tiddeskrivih bi kliem li jaghmel gustizzja mal-vera importanza li din l-istituzzjoni ghandha f'pajjizna bhala l-akbar garanti ghad-demokrazija.

Hawn min jiddiskrevi l-istituzzjoni taghna bhala metodu li bih nillegalizzaw id-dittatorjat tal-maggoranza. Ma naqbilx. Il-Parlament ma ghandux il-funzjoni li jiggverna l-pajjiz. Dak huwa kompitu li l-kostituzzjoni taghna taghtih lill Ezekuttiv. Il-Parlament ghandu funzjoni ohra - funzjoni li tippermetti lil din l-istituzzjoni li tpoggi quddiem kull-hadd il-hidma governattiva u tikkritikha jew tfaharrha skond il-kaz. Il-Parlament huwa l-post fejn il-poplu Malti, permezz tal-membri li elegga, jkollu l-opportunita li jara, jaghrbel u jitlob spjegazzjoni minghand min ghandu l-poter

tat-tmexxija ezekuttiva, kemm fuq l-affarjiet li jkunu saru kif ukoll fuq affarjiet li jkun qed jipproponi li jaghmel.

Hija din, l-akbar funzjoni ta' din l-istituzzjoni u dan ma ghandna ninsewh qatt. Nistghu, jekk irridu, naghmluh aktar effettiv, nistghu jekk irridu inkabbru l-poter ta' investigazzjoni li l-parlament ghandu jew jista jkollu. Imma fl-ahhar mill-ahhar, jibqa l-post principali fejn l-ezekuttiv irid jaghti rendikont ta' dak kollu li jaghmel, sakemm, naturalment, tasal il-gurnata li jkun irid jaghti rendikont finali lil-poplu Malti li jiggudikah permezz ta' elezzjoni.

Dan hu s-sistema li addottajna f'pajjizna. Ma huwiex perfett imma hu l-ahjar sistema li jista jkollna u kull ma ghandu bzonn huwa li jkompli jigi rfinut skond l-ezigenzi taz-zmienijiet sabiex nirrenduh aktar effettiv fil-hidma tieghu. U hu tajjeb li tittiehed okkazjoni bhal tallum biex nghidu dak, li forsi jista jkun ovvju ghalina, ghaliex b'hekk inkunu qieghdin inwasslu messagg lill pubbliku Malti li mhux biss jinkwadra ruhhu fil-grajja li qed tigi celebrata, izda li jghin biex il-poplu malti jifhem dejjem izjed xi tfisser din l-istituzzjoni.

Imma ma nistghux nieqfu hawn, ghaliex wara kollox, din l-istituzzjoni tkun b'sahhitha daqs kemm jaghmluha b'sahhitha l-membri li jiffurmaw parti minnha. U dan irid jinzamm quddiem ghajnejna l-hin kollu, specjalment meta jinqalghu dawk il-konflitti bejn l-interessi tad-distrett rappresentat mill-membru u l-interessi ta' l-istituzzjoni innifisha. Konflitt li ghandu jigi superat billi titpogga l-istituzzjoni qabel kollox.

Dan ifakkarni f'diskors li kont qrajt ftit taz-zmien ilu - diskors maghmul minn Edmund Burke fl-1774 ftit wara li kien gie elett l-ewwel darba bhala membru parlamentari. Waqt li kien qieghed jindirizza lil dawk li kienu ivvutawlu, ma bezax jghidilhom illi l-parlament ma huwiex xi kungress ta' ambaxxaturi gejjin minn distretti li kellhom interessi konflingenti ghal xulxin, l-anqas ma hu xi qorti fejn l-avukati jiddefendu l-interessi tal-klienti taghhom anke forsi meta jkunu jafu li ma' ghandhomx ragun. Il-Parlament hu assemblea ta' nazzjon wiehed, b'interess wahdieni - dak tal-pajjiz kollu. Huwa veru li l-eletturi jkunu ghazlu il-membru biex jirrapresenta d-distrett, imma la darba jaghzluh hu ma jiehux il-gurament li jkun leali lejn id-distrett, izda li jkun leali u fidil "lejn il-Poplu u r-Repubblika ta' Malta".

U allura, qabel ma xi hadd jiddeciedi li jaghddi xi gudizzju fuq il-membri parlamentari Maltin, qabel ma ssir l-kritika - kif huwa gust li ssir - nistieden lil dak li jkun biex ikejjel b'xiber l-interessi tal-pajjiz u mhux b'xiber l-interess ta' l-individwu. Il-gudizzju ma ghandu qatt ikun ibbazat fuq kemm inqdew nies, fuq kemm it-tali hu dhuli, jew fuq kemm hu gellied. Il-gudizzju ghandu jkun ibbazat fuq kemm ikkontribwixxa biex l-interessi tal-pajjiz jitpoggew qabel kull interess iehor, ikun xi jkun.

in hi r-raba' darba li jiena kelli l-unur bhala Speaker tal-Parlament Malti li naghmel dan id-diskors fl-okkazjoni ta' din il-festa nazzjonali - festa li illum giet assocjata mal-Parlament Malti. U ghat-tielet darba inhoss id-dover li nirrepeti dik il-frazi li kien uza Sir Filippo Sceberras meta sejjah lill poplu Malti warajh nhar is-seba ta' Gunju 1919. F'dak l-appell imqanqal huwa kien sahaq li l-kawza li kienu ser jiggieldu ghaliha, kienet mhux biss gusta imma ta' unur kbir.

U illum, tant snin wara li sar dak id-diskors, nifhem kemm kellu ragun ghaliex verament inhossni kburi, mhux biss bhala Speaker, izda b'mod specjali bhala Malti, li nifforma parti minn din l-istituzzjoni. Ahna ghandna istituzzjoni li nistghu niftahru biha ghaliex hi l-werrieta denja tas-sovranita tal-poplu taghna. Hi tigbor fi hdanha lil dawk li jkunu gew maghzula mill-Maltin stess biex jiehdu hsieb l-amministrazzjoni tal-present u t-tfassil tal-futur. X'unur hemm li huwa akbar minn dak li jinghatalek meta xi hadd ipoggi l-fiducja totali tieghu fik u jafdalek f'idejk l-aktar affarjiet prezzjuzi li ghandu ?

Imma dan l-unur, igib mieghu responsabilta enormi - pis kbir li jista jigi apprezzat minn min jifhem sewwa xi tfisser li tiehu hsieb l-amministrazzjoni ta' hwejjeg haddiehor; xi tfisser li tiehu decizjonijiet li jistghu jkollhom effett fuq il-hajja tac-cittadini taghna; xi tfisser li tivvota favur jew kontra ligi li ser tinfluenza l-futur ta' pajjizek. M'huwiex facli ghal min jiehu l-affarjiet bis-serjeta, li jaqdi dawn id-doveri minghajr ma jiddedika l-isforzi tieghu kollha biex jaghmel il-gid mhux ghalih innifsu, izda ghal pajjizu. M'huwiex facli, ghaliex tbati l-familja, tbati l-professjoni jew l-impieg, tbati l-hajja socjali tieghek. Imma dan hu l-pis li jrid jerfa l-membru parlamentari malli jiehu il-gurament skond il-Kostituzzjoni taghna u ma ghandux alternattiva jekk verament irid ikun fidil lejn dak l-istess gurament.

U allura ma nistax ma nikkonkludix billi nirrepeti l-hsieb li bdejt bih. Din tal-lum hija festa li tfakkar wahda mill-grajjiet l-aktar importanti ghal pajjizna. Importanti mhux biss minhabba l-fatti kollha li graw dak in-nhar tas-sette Gugno, imma importanti minhabba li kienu c-cavetta li fethu l-bieb biex f'pajjizna dahlet id-demokrazija parlamentari immexxija mill-Maltin ghal Maltin. Hija festa li permezz taghha l-poplu Malti kollu jaghraf t-twelid tal-parlament tieghu u jaghtih gih. Hija festa li tigi ccelebrata mhux ghaliex hekk hemm miktub fil-kalendarju taghna, l-anqas ghaliex hekk hemm miktub fil-ligijiet ta' pajjizna, izda ghaliex hekk hemm bzonn li jsir ghal gid taghna u ta' pajjizna.

D.O.I. (7.6.92)